MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 824/1990/1

**Seduta tat-2 ta' Mejju 2003**

**Citazzjoni numru 824/90 GC**

**Alfred Gatt bhala rapprezentant tas-socjeta' Galdes & Mamo Limited u dina bhala agenti f'Malta tas-socjeta' assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha is-socjeta' Charles Darmanin & Company Limited u b'nota tal-25 ta' April 2000 is-socjeta Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza minnflok is-socjeta Galdes and Mamo Insurance Agency Limited**

**vs**

**David Jones u Alfred Pollacco bhala Diretturi gahn-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited u dina sew bhala agenti Malta tas-socjeta' trasportattrici Tedeska G.L. Kayser Gmbh kif ukoll bhala trasportaturi tal-merkanzija mertu tal-kawza, u Godwin Abela u Lawrence Lautier bhala rapprezentanti tal-kumpanija The Cargo Handling Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' Charles Darmanin & Company Limited importat mill-Germanja imbejjed "seba (7) "Paletten BLUE NUN" u "advertising material" li kienu jikkontjenu mitejn u hamsin (250) "cartons" kif jirrizulta sew mill-polza Dokument A kif ukoll mill-invoice (Dokoment B) li gew trasportati mis-socjeta' trasportatrici tedeska "G.L. Kayser Gmbh" u li ngiebet Malta permezz tal-vapur ESPRESSO VENEZIA li wasal fil-25 ta' Lulju 1989;

Illi meta dawn is-7 "Paletten BLUE NUN" u "advertising material" jew 250 "cartons" gew skarikati f'idejn il-kontratturi tal-Port, il-Kumpanija "The Cargo Handling Co. Ltd" u minghandhom gew konsenjati lis-socjeta' importatrici rrizulta li kien hemm wahda (1) minn dawn il-"cartons" nieqsa u erbatax (14) -il "carton" bl-hsara, liema hsara giet notata fuq il-Gate Pass Out (Dokument C) u li wara li gew ezaminati aktar bir-reqqa irrizulta illi kien hemm merkanizja nieqsa skond l-elenku mmarkat Dokument D1 u D2;

Illi ghal dan in-nuqqas l-assikurazzjoni kif obbligata, hallset ghad-dannu s-somma ta' tlett mija tmienja u ghoxrin lira maltin u hamsa u disghin centezmu

(Lm328.95) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importaturi (Dokument E);

Illi l-konvenuti nomine, jew min minnhom, huma responsabbli ghal dan in-nuqqas;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti nomine, jew min minnhom, jghidu ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi m'ghandhomx:-

(1) jigu dikjarati responsabbli ghall-hsara fuq indikata; u

(2) jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett mija tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm328.95) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u surrogat lill-attur nomine, bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-pagament indikat fis-surroga Dokument C maghmula mill-attur nomine fic-cirkostanzi u minhabba l-obbligi hwan fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta atrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi l-azzjoni odjerna hija perenta u preskritta, ghax ghalkemm ic-citazzjoni giet intavolata entro is-sena tal-preskrizzjoni, giet notifikata lill-eccipjenti biss fit-12 ta' Settembru, 1990 u cioe' oltre x-xahar li fihom hu permess li atti jigu notifikati biex tinkiser il-preskrizzjoni;

2. Subordinatament u fil-mertu, mhux minnu li l-merkanzija in kwistjoni waslet Malta fuq il-vapur Espress Venezia fil-25 ta' Lulju, 1990, imma waslet fuq il-vapur M.V. Pinto fit-28 ta' Lulju, 1989. Ergo kien hemm biss sal-28 t' Awisssu, 1990, biex ic-citazzjoni tigi notifikata lill-eccipjenti, biex tinkiser il-preskrizzjoni;

3. Illi it-trailer li fuq ingarret il-merkanzija kien jappartjeni lil De Haan Transport (Malta) Limited u din is-socjeta' kienet responsabbli ghat-"trucking" u trasport tal-merkanzija sal-mahzen tal-eccipjenti nomine fid-Deep Water Quay u gahlhekk hija din is-socjeta' li ghadnha tirrispondi ghal kull nuqqas allegat u hu l-kaz li tigi kjamata in kawza;

4. Illi f'kull kaz meta t-trailer gie unstuffed ma kien jidher xejn nieqes u kien hemm biss hsara f'zewg palletts li kienet tikkombaccja ma ticrita fil-cnavas fuq ix-xellug ta' wara tat-trailer u gahlekk din il-hsara tidher li x'aktarx grat minn xi haga esterna li habtet mat-trailer;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti nomine ikkonsenjaw l-merkanzija u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-degligenza kollha rikjesta minnhom mil-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited fejn gie eccepit :-

1. Illi l-azzjoni odjerna hija perenta u preskritta, ghax ghalkemm saret ic-citazzjoni din saret entro s-sena tal-preskrizzjoni applikabbli ghal kazijiet simili, ic-citazzjoni kif

korretta, giet notifikata lilhom biss f'Novembru, 1993, u cioe' ferm wara t-terminu ta' xahar li taghti l-ligi li ghalaq fil-25 ta' Awissu, 1990;

2. Illi subordinatament u fil-mertu il-merkanzija de quo ma waslitx Malta fuq il-vapur Espresso Venezia, kif indikat anki fic-citazzjoni kif korretta, imma fuq il-vapur MV Pinto;

3. Illi t-trailer li fuqu ngarret il-merkanzija kien jappartjeni lil De Haan Transport (Malta) Limited u din is-socjeta' kienet responsabbli ghat-"trucking" u trasport tal-merkanzija sal-mahzen ta' l-eccipjenti nomine fid-Deep Water Quay u ghalhekk hija din is-socjeta' li ghandha tirrispondi ghal kull nuqqas allegat u hu l-kaz li tigi kjamata in kawza;

4. Illi f'kull kaz, meta t-trailer gie "unstuffed" ma kien jidher xejn nieqes u kien hemm biss hsara f'zewg pallets li kienet tikkombaccja ma' ticrita fil-canvas fuq ix-xellug ta' wara tat-trailer u ghalhekk jidher li din il-hsara grat minn xi haga esterna li habted mat-trailer;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta Valletta Freight Services Limited debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta' Gunju 1994 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta Valletta Freight dwar il-preskrizzjoni;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tal-15 ta' April 1998 li biha gie ridott l-ammont mitlub minn Lm328.95 ghal Lm276.67;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tas-socjeta konvenuta Valletta Freight;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 1998;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li s-socjeta Charles Darmanin & Company Limited importat gewwa Malta mitejn u hamsin (250) kartuna kontenenti flixken tal-inbid u materjal ghar-reklami. Meta din il-merkanzija giet konsenjata lill-imsemmija socjeta importatrici instab li kien hemm kartuni nieqsa u ohrajn danneggjati u ghalhekk kien hemm kwantita' ta' flixken tal-inbid li kienu neqsin. Is-socjeta attrici, bhala s-socjeta assikuratrici, ghal dawn in-nuqqasijiet, skond l-obbligi kontrattwali taghha, hallset lis-socjeta importatrici somma ta' flus u b'hekk l-istess socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tas-socjeta importatrici;

Jirrizulta li s-socjeta konvenuta Valletta Freight kienet inkarikata bit-trasport tal-merkanzija ghal Malta filwaqt li s-socjeta l-ohra konvenuta Cargo Handling kienet responsabbli ghall-istess merkanzija mill-hin li din tnizzlet minn fuq il-vapur sakhemm giet konsejnata lir-recivitur;

Is-socjeta attrici tinsisti li s-socjetajiet konvenuti, jew minn minnhom, huma responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni u ghalhekk qed issir din il-kawza;

Is-socjeta konvenuta Valletta Freight fl-ewwel lok eccipiet il-preskrizzjoni, liema eccezzjoni giet respinta bl-imsemmija sentenza tad-9 ta' Gunju 1994. Fit-tieni lok din is-socjeta konvenuta eccepit li materjalment il-merkanzija ngarret minn terzi u li nstab li l-container li fih ingarret il-merkanzija kellu ticrita fil-canvas li kien jghatti l-istess container liema ticrita kienet tidher li giet kawzata b'xi habta ma xi haga esterna u ma kienx jidher li kien hemm oggetti neqsin mil-istess trailer;

Is-socjeta konvenuta Cargo Handling teccepixxi li mhux responabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni stante li l-merkanzija giet regolarment konsenjata lis-socjeta importatrici fl-istess stat li fih hi rcevitha u stante li hi qdiet

il-funzjonijiet taghha bid-degligenza kollha kif rikjesta mill-ligi;

Mill-provi kollha prodotti jirrizulta b'mod sufficjenti li s-socjeta konvenuta Valletta Freight ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni. Difatti jirrizulta li kienet din is-socjeta konvenuta, Valletta Freight, li kienet giet inkarikata bit-trasport ghall-Malta tal-merkanzija. Il-flixken tal-inbid ngarru ghall-Malta f'container "groupage" li gie appositament mikri mill-istess socjeta konvenuta Valletta Freight. Ghalhekk il-merkanzija ingarret fl-imkien ma merkanzija ohra. Dan il-container kien wiehed mghotti bil-canvas. Jirrizulta li f'xi hin waqt it-tragitt ghal-Malta l-canvas saritlu ticrita bejn is-saqaf u il-gemb tieghu u b'hekk irrizultaw in-nuqqasijiet in kwestjoni. Jidher li l-container li ghazlet is-socjeta konvenuta Valletta Freight ma kienx daqstant sigur. In effett jirrizulta ukoll li l-merkanzija in kwestjoni kienet stivata ezatt taht fejn kien hemm l-imsemmija ticrita. B'hekk jidher li d-danni u n-nuqqasijiet sehhew minhabba jew bhala konsegwenza diretta ta' din it-ticrita;

Jirrizulta ukoll li saret "joint tally" (Dokument fol. 26) bejn is-socjetajiet konvenuti u cioe l-Cargo Handling u l-Valletta Freight minn fejn jirrizulta li meta l-Cargo Handling hadet taht ir-responsabilita taghha l-merkanzija gie nnutata li kien hemm l-imsemmija hsarat estensivi fil-merkanzija in kwestjoni u gie nnutat ukoll li kien hemm flixken tal-inbid neqsin;

B'referenza ghall-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Valletta Freight ghandu jinghad li jista jkun li l-merkanzija effettivament ingarret minn terzi pero jirrizulta li dawn it-terzi gew inkarikat mis-socjeta konvenuta Valletta Freight li ghalhekk ghanda tibqa ritenuta responsabbli ghall-istess garr;

Fid-dawl ta' dan kollu s-socjeta konvenuta Valletta Freight ghandha titqies responsabbli ghan-nuqqasijiet in

kwestjoni. In effett ma gewx konsenjati tliet (3) kartuni bil-kontenut kollu taghhom oltre li kien hemm xi fliexken tal-inbid ohra neqsin minn kartuni ohra;

Jirrizulta li l-valur tal-merkanzija li ma gietx konsenjata huwa ta' mitejn sitta u sebghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm276.67). In effett it-talba attrici giet ridotta ghal din is-somma. Ghalhekk it-talbiet attrici, kif ridotti, fil-konfront ta' din is-socjeta konvenuta Valletta Freight ghandhom jigu akkolti;

Ma jirrizulta xejn li jista jitfa xi htija fuq is-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling. B'hekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta konvenuta Cargo Handling ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoniet kollha li fadal tas-socjeta konvenuta Valletta Freight u tiddikjara li l-istess socjeta konvenuta Valletta Freight hi responsabbli ghall-hsara u nuqqasijiet in kwestjoni u b'hekk tikkundanna l-istess socjeta konvenuta Valletta Freight thallas lis-socjeta attrici, kif surrogata, is-somma ta' mitejn sitta u sebghin liri maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm276.67) in linea ta' danni sofferti mill-importatur assikurat mas-socjeta attrici u dana bl-interessi skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tichad it-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta konvenuta Cargo Handling;

Spejjez kontra s-socjeta konvenuta Valletta Freight ad eccezzjoni tal-ispejjez tas-socjeta konvenuta l-ohra Cargo Handling li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici.

---------------------------------TMIEM---------------------------------